TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 372/10

**Raymond Potter**

**vs**

**Sundream Ltd. - Mecca**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mitt ewro (€500), rapprezentanti depożitu fuq *outboard motor*.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħallas depożitu fuq *outboard motor* bil-kundizzjoni li jkun bħal dak il-wieħed li ra fix-*showroom*.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti kien sab xi mutur orħos mingħand ditta oħra u għalhekk huwa ried iħassar il-kuntratt tal-bejgħ li kien sar lilu, minkejja li s-soċjeta' intimata għandha l-policy tagħha li '*Deposit is non refundable*' u għalhekk is-soċjeta' intimata ma setgħetx tagħti rifużjoni tad-depożitu lir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888